IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

13 ta' Ġunju 2017
46/2017

## L-INAWGURAZZJONI TAL-MAESTRO DI CAPPELLA TAL-KATIDRAL

Fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni uffiċjali tal-Maestro di Cappella l-ġdid tal-Katidral, il-Maestro Hamish Dustagheer ser jagħti kunċert fuq l-orgni, fil-KonKatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, nhar is-Sibt, 17 ta' Ġunju 2017.

Is-serata ta' inawgurazzjoni tibda fis-6:00 p.m. b'quddiesa ċċelebrata mill-Arċisqof Charles J. Scicluna. Wara l-Quddiesa jsir il-kunċert mill-Maestro di Cappella, b'repertorju li jikkonsisti f'siltiet ta' mużika klassika mill-kompożituri Johann Sebastian Bach, Felix Mendelssohn, Gabriel Pierne u Julius Reubke.

Il-Maestro Hamish Dustagheer, pjanista u organista, twieled fl-1992 u studja fir-Royal College of Music ta' Londra. Fl-2016, Dustagheer temm b'suċċess kors *post-graduate* mill-Università ta' Oxford, fejn gradwa b'Master fil-Filosofija fil-Mużika minn New College. Maestro Dustagheer kien l-organista titulari ta' Quarr Abbey, l-organista u d-direttur tal-kor ta' Blackfriars u l-organista ta' Campion Hall, f'Oxford, l-Ingilterra.

L-irwol tal-Maestro di Cappella hu li jipprepara u jidderieġi l-mużika u l-kor fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi fil-Katidral Metropolitan tal-Imdina u fil-KonKatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, kif ukoll jippromwovi l-mużika liturġika fl-Arċidjoċesi ta' Malta.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**